**Kapitlu 3 Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.3 Aħna aħwa imma differenti!**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

- Jifhmu li aħna aħwa imma differenti.
- Jagħrfu x'jistgħu jkunu d-differenzi bejnietna.
- Japprezzaw lil xulxin b'dak li għandhom komuni.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint Presentation bi stampi ta' persuni differenti li jħaddnu reliġjonijiet differenti.
- stampi li ssib l-għalliema ta' refuġjati, klandestini u ta' persuni b'diżabilitajiet differenti.



- karta ta' taħriġ : 3.3.
- imqass, kolla u kuluri

- Karta Addizzjonali a (jekk tixtieq tagħmilha).

**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi turi l-aħħar stampa li t-tfal ikunu raw waqt il-lezzjoni ta' qabel.
- Ħeġġeġ lit-tfal biex jiddeskrivu dak li qed jaraw fl-istampa u biex jispjegaw fi kliemhom dik l-istampa fiex tfakkarhom.
- Permezz t'hekk, int tista' ssir taf aħjar x'tgħallmu fil-lezzjoni ta' qabel kif ukoll tkun tista' tintroduċi l-lezzjoni tal-ġurnata.



**Nisimgħu flimkien:**

- Uri lit-tfal l-istampa tat-tfal li ġejjin minn postijiet differenti u li għandhom twemmin differenti minn xulxin.
- Spjega kif, għalkemm mhux kulħadd jemmen f'Alla bħal ma nemmnu aħna, xorta waħda kulħadd jifforma parti minn din il-familja ta' aħwa ta' xulxin.
- Uri wkoll l-istampi tat-tfal bi bżonnijiet speċjali, persuni b'diżabilitajiet differenti, klandestini, refuġjati eċċ.
- Flimkien mat-tfal ħu ħsieb semmi kif minkejja aħna differenti minn xulxin, aħna xorta aħwa ta' xulxin.
- Aħdem il-karta ta' taħriġ 3.3 u mill-gurnata ta' qabel stieden lit-tfal iġibu stampi ta' wċuħ ta' tfal b'kulturi differenti ħalli jwaħħlu l-uċuħ f'posthom.
- Jekk trid, uża wkoll il-karta Addizzjonali A, billi tgħin lit-tfal ipinġu l-istampa bil-kuluri tal-ilbiesi kif suppost



**Nikbru flimkien:**




- Alla ħalaq lilna lkoll.
- Aħna tfal t'Alla u aħwa ta' xulxin.
- Jien bint Alla u int iben Alla.
- Jien u int b'dak li għandna nistgħu nkunu ħbieb.

**Nagħżlu flimkien:**

- Ejjew naraw kif nistgħu nkunu aħwa tassew ta' xulxin. Billi ma naqblux f'kollox xorta nistgħu nkunu ħbieb.
- ***Napprezzaw l-affarijiet li jgħaqqduna għax aħna lkoll aħwa.***




**Nitolbu:**

- Grazzi Mulej li tajtni dawn il-ħbieb kollhA.

